# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 1192/93DS**

Virginio Vella
vs
Anthony Deguara

Illum, 25 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Ottubru 1983 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fis-7 ta' Ottubru 1991 l-attur waqt li kien qed isuq il-vettura L-8409 kien involut f'kollizjoni fi Triq Santa barbara, Valletta, mal-vettura H-5053 misjuqa mill-konvenut;

Illi l-kollizjoni sehhet imhabba traskuragni, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li ghamel U-Turn hu

minghajr ma ta kaz it-traffiku li kien gej u hekk habat mal-vettura misjuqa mill-attur;

Illi b'rizultat ta' din il-kollizjoni l-attur sofra danni fil-vettura ammontanti ghal Lm395.75 kif ukoll wegga' hu stess u fil-fatt kien intilef minn sensieh;

Illi tal-kollizjoni l-attur sofra dizabilita permanenti kif accertat mir-rapport mediku tat-Tabib Raymond Aquilina li ezaminah;

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni dan baqa' inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli tal-kollizjoni li sehhet fis-7 ta' Ottubru 1991 fuq deskritta;

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-konvenut b'rizultat ta' dan l-incident, okkorrendo jekk hemm bzonn in-nomina ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dawk id-danni li jigu hek likwidati.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali.

Il-konvenut hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-eccipjent mhux responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni peress li kien prudenti u ha l-prekawzjonijiet kollha, mentri kien l-attur innifsu li kien imprudenti meta ma hax "evasive action" meta seta' facilment jiskapula lill-eccipjent.

2. Illi hemm kontestazzjoni dwar il-fedelta' tar-rapport tal-Pulizija, dwar l-ammont ta' danni, inkluza l-allegata "permaneza" ta' dizabilita' ta' l-attur.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' April 1995;

Rat id-digriet tat-12 ta' Mejju 1995 fejn gie nominat il-kirurgu Frederick Zammit Maempel bhala perit mediku;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-21 ta' Marzu 1996;

Rat id-digriet tat-12 ta' Lulju 1996 fejn giet nominat Dr. Deborah Huber (illum Farrugia) bhala assistenta gudizzjarja biex tkompli bil-gbir tal-provi, kif ukoll id-digriet tad-9 ta' Marzu 1998 fejn l-inkarigu taghha gie konvertit f'wahda ta' espert legali;

Rat ir-relazzjoni minnha mahlufa fil-11 ta' Lulju 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-
Bis-sentenza preliminari taghha tal-21 ta' April 1995 din il-Qorti diversament presjeduta ddecidiet l-ewwel talba dwar responsabbilta` fis-sens li sabet lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u ghall-finijiet tat-tieni talba kkundannatu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm395.75 relattivament ghall-hsara fil-karrozza filwaqt li rrizervat id-decizjoni dwar id-danni personali sofferti mill-attur.

Fil-fatt din is-sentenza tirrigwarda biss dawk id-danni. F'dar-rigward il-perit legali ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Fl-ewwel lok jista' jinghad li l-attur huwa intitolat ghal *lucrum cessans* u dan in vista ta' telf ta' potenzjalita' ta' qliegh ulterjuri fil-futur. L-attur esebixxa zewg rapporti medici mahruga mit-Tabib Raymond Aquilina; l-ewwel rapport datat 6 ta' Marzu 1993 fejn ikkonkluda illi l-attur ghandu dizabilita' ta' 5% u t-tieni rapport datat 23 ta' Ottubru 1995 fejn ikkonkluda illi l-attur ghandu dizabilita ta' 10%. L-attur gie ukoll ezaminat minn espert mediku indipendenti mahtur mill-Qorti u dan fir-rapport tieghu pprezentat fid-29 ta' Jannar 1996 ikkonkluda li r-ata ta' dizabilita hija ta' 3%.

Dwar id-dhul tal-attur jidher mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda tal-attur u ta' martu, li l-income tieghu kienet madwar 600 dollaru Amerikan

(cirka Lm280 bir-rata ta' 2.1394 dollari ghal kull lira maltija) fix-xoghol ta' superintendent u madwar 1000 dollaru Amerikan (cirka Lm467) sa 1800 dollaru (cirka Lm841) fix-xoghol ta' kostruzzjoni fil-gimgha. L-esponenti thoss li jkun opportun li l-*lucrum cessans* jigi mahdum fuq *yearly income* ta' Lm38,000.

Dwar il-*multiplier*, il-mod ta' likwidazzjoni tad-danni adoperati kienet dik stabbilita fil-kawza "Butler vs Heard" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Dicembru 1967. F'dik il-kawza ntqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni ic-*chances and changes of life* b'mod li dan il-*multiplier* ma wassalx lid-dannegjat li jiehu kumpens daqs kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneggata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qaswwija u shiha sal-eta' tal-pensjoni.

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-kummerc fit-12 ta' Jannar 1987, fil-kawza Bugeja vs Agius, il-Qorti hyasset li ghandha d-diskrezzjoni assoluta ta' kif tasal ghall-fissazzjoni tal-ammont tad-danni. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha moghtija fis-26 ta' Lulju 1991 osservat li in tema ta' likwidazzjoni ta' *lucrum cessans* hemm certi kontigenzi li wiehed jiltaqa maghhom fil-hajja u li fuqhom wiehed jista' biss jispekula. Hija sostniet li s-sistema tal-komputazzjoni li kien jintuza qabel mill-Qrati taghna ghandu jibqa jigi segwit "bhala bazi", b'dan pero' li l-applikazzjoni ta' dan il-metodu bhala bazi, il-Qorti, minn zmien ghal zmien ghandha tkun lesta li skond ic-cirkostanzi tallarga l-applikazzjoni ta' din is-sistema. Il-Qorti tal-Appell pero', insistiet:

'Fi kliem iehor is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b'sahhtu hu mistenni li jibqa' jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-pensjoni, izda tirrikjedi li tenut kont tal-eta' tal-mejjet u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja jittiehed numru ta' *year purchase* li hu l-*multiplier* u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorativa tal-vittma.'

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-attur kellu 35 sena meta sehh l-incident. L-esponenti thoss li mehud kont tac-cirkostanzi kollha, *il-multiplier* adoperat m'ghandux ikun iktar minn 15-il sena.

Ghalhekk l-ammont ta' *lucrum cessans* li ghandu jithallas lill-attur hu ta' Lm38,000 x 15 x 3%, u cioe' Lm17,100. Minn din is-somma wiehed irid inaqqas 20% peress li l-pagament qed isir f'*lump sum.* Ghalhekk, is-somma ghandha tithallas lill-attur hija ta' Lm13,680.

Bhala *damnum emergens,* l-attur qed jirreklama wkoll spejjes medici inkorsi minnu. L-attur ma ressaqx provi hlief fir-rigward tat-tabib Aquilina li gie mqabbad mill-attur biex jaghtih opinjoni dwar id-disabilita' tieghu (ara Cachia vs Chetcuti deciza minn din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Ottubru 1991, fejn l-attur ma giex reimborsat ghall-ispejjes ta' survey li hu kkommissjona ghal fuq il-karrozza tieghu qabel ma ghamel il-kawza). Ghalhekk, l-esponenti thoss illi dawn l-ispejjes mhux gustifikati.

Irid jinghad ukoll illi l-konvenut ma ressaq ebda provi jew ikkontesta danni pretizi mill-attur tul-il-gbir tax-xhieda."

Il-Qorti tosserva li fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2001 Dr. Mario DeMarco ghall-attur irrimetta ruhu ghar-rapport filwaqt li sallum baqghet ma saret l-ebda kontestazzjoni tal-provi mressqa quddiem il-perit legali u tal-konkluzjonijiet taghha.

Il-Qorti ftit ghandha x'izzid ma' dak li qalet il-perit legali. Difatti taqbel kemm mad-dhul annwu medju minnha stabbilit kif ukoll mal-*multiplier* minnha uzat ta' hmistax-il sena meta kkunsidrat in-natura tax-xoghol li kien jaghmel l-attur. U dwar il-persentagg ta' dizabilita` dan gie determinat mill-espert mediku fl-ammont ta' tlieta fil-mija (3%). Izda stante li l-incident gara aktar minn ghaxar snin ilu, u in lineja mal-gurisprudenza aktar recenti (ez. **Nazzareno Apap pro et noe et vs Francis Degiorgio et noe**, Qorti ta' l-Appell, 16 ta' Jannar 1984; **Anthony Callus vs George Grixti**, Prim'Awla JSP, 4 ta' Gunju 1992; **Hadrian Borg vs Mario Caruana**, Prim'Awla FGC, 19 ta' Frar 1993; **Ullrich Kurt Salomo et vs Carmelo Attard**, Prim'Awla NA, 23 ta' Jannar 1996; **Susan Davies et vs Anthony Galea**, Prim'Awla NA, 10 ta' Ottubru 1997; **Joseph Seguna et vs Charles Gauci**, Prim'Awla GCD, 19 ta' Frar 2001) m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis ghal *lump sum payment*.

Konsegwentement is-somma dovuta ghal *lucrum cessans* hija ta' Lm17,100.

Dwar *damnum emergens*, kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet il-perit legali, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur huwa gustifikat li jitlob rifuzjoni tas-somma ta' Lm30 skond ircevuta tat-12 ta' Marzu 1993 u s-somma ta' Lm20 skond rcevuta tal-21 ta' Novembru 1997 imhallsin lill-kirurgu Raymond Aquilina. Huwa evidenti li dawn l-ispejjez gew inkorsi minhabba l-incident in kwistjoni. Dwar l-ispejjez ta' pilloli u ngwent li semmiet mart l-attur, billi ma gewx prodotti rcevuti ma tistax tigi kkunsidrata t-talba dwarhom.

Ghalhekk, salv dak li diga` gie deciz fis-sentenza preliminari suriferita, id-danni personali li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur huma dawn:

| | |
|---|---|
| *Lucrum cessans* | Lm17,100 |
| *Damnum Emergens* | 50 |
| | ------------ |
| | Lm17,150 |
| | ------------ |

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tillikwida d-danni personali fl-ammont ta’ sbatax-il elf mija u hamsin liri Maltin (Lm17,150) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta’ sbatax-il elf mija u hamsin liri Maltin (Lm17,150) bl-imghax millum. Bl-ispejjez kollha tal-kawza li jithallsu mill-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna D/Registratur